**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Marzu 2020.**

**Rikors nru: 207/2013 AGV**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf ta' AB datat 4 ta' Ottubru, 2013 fejn ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fl-10 ta' Settembru, 2005 u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A.

2. Illi l-hajja konjugali giet resa impossibbli minhabba adulterju minn naha tal-konvenuta, abbandun u kif ukoll minhabba nkompatibbilita’ ta’ karattru.

3. Illi miz-zwieg ma kienx hemm tfal.

4. Illii l-attur fis-26 ta’ April, 2013 talab lir-Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tappunta medjatur mil-lista taht ir-Regolamenti 4(3) tal-Avviz Legali 397/2003 sabiex l-istess medjatur jipprova jwassal il-partijiet ghall-ftehim dwar is-separazzjoni.

5. Illi mis-seduti li saru quddiem il-medjatrici Erica Cutugno tali ftehim ma sehhx.

6. Illi ghalhekk il-medjatrici kellha taghlaq tali medjazzjoni u l-attur gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat 12 ta’Awissu, 2013 hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.

7. Ghalhekk l-attur kellu jressaq din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta hawn fuq premess.

2. Tawtorizza l-attur ighix separat minn mal-konvenuta.

3. Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom dawk kontemplati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodici Civili.

4. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partiijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonjiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tielet talba.

5. Tikkundanna lill-konvenuta tirrestitwixxi lill-attur l-proprjeta' kollha tieghu parafernali jew il-valur taghha.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta li hija ngunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuta CB fejn eccepiet is-segwenti:-

1. L-esponenti ma taqbilx li kienet hija responsabbli ghas-separazzjoni *de facto* bejnha u l-attur. Ghall-kuntrarju kien l-attur li ta lok ghal din il-firda minhabba ragunijiet unikament imputabbli ghalih. Kien l-attur li rrenda ruhu hati fil-konfront tal-esponenti ta' adulterju, eccessi, sevizzi u mohqrija fit-termini tal-ligi.

   Wara z-zwieg, l-attur ha lill-esponenti fid-dar t'ommu u minn hemm 'l quddiem inbidel u beda jagixxi b'mod egoist u xhih maghha. Huwa naqas li jmantniha u mhux talli ma kienx itiha ghall-ghixjien, izda kien jippretendi li kellha tkun hi li tohrog tahdem.

   Meta l-attur iltaqa' mal-esponenti t-Tajlandja, hija kienet omm ta' tlett itfal. Dak iz-zmien l-attur mexa sewwa maghha u hija saret thobbu. L-attur kien talabha tizzewwgu u kien anke weghdha li kif jissetiljaw ighinha ggib lil uliedha Malta, izda dahak biha. Minflok, kien ighid li m'ghandux flus u jibghata tahdem.

Minn naha taghha l-esponenti qatt ma naqsitu xejn lill-attur. Kien hu li bired minnha u fittex nisa ohra. Fil-fatt l-attur ghandu jew kellu nisa ohra. Dan l-ahhar kellu anke mara ohra mit-Tajlandja.

2. L-attur qatt ma ta xejn lill-esponenti u hi dejjem hadmet biex tghajjex lilha nnifissha. Ma hemmx raguniiet legali ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-esponenti, izda ghall-kuntrarju dan l-artikolu flimkien mal-Artikolu 51 tal-Kodici Civili ghandhom jigu applikati kontra l-attur kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Minhabba fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom l-esponenti, hija kellha bilfors taghmel dejn biex tkun tista' tahdem u tghajjex lilha nnifisha u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' dina l-kawza.

4. Anke l-hames talba tal-attur ghandha tigi michuda billi l-eccipjenti ma ghandha ebda oggetti dotali jew parafernali tal-attur.

Illi l-esponenti eccipjenti qed tipprevalixxi ruhha minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni taghmel kontro-talba u ghalhekk:-

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fl-10 ta' Settembru, 2005 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Peress illi l-attur AB rrenda ruhu hati fil-konfront ta' martu ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi.

Peress li l-konvivenza bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli ghal dawn ir-ragunijiet u ohrajn imputabbli unikament lill-istess attur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra li tirrizulta mehtiega, l-esponenti titlob bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-raguniiet imputabbli unikament lill-attur rikonvenzjonat;

2. Tiffissa retta alimentari dovuta mill-attur rikonvenzjonat ghall-bzonnijiet tal-esponenti u tipprovdi kif is-somma hekk dovuta ghandha tizdied perjodikament biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, filwaqt li tordna li kwalunkwe ammont hekk dovut mill-attur rikonvenzjonat lill-esponenti ghandu jitnaqqas mill-paga tieghu u jithallas lill-esponenti direttament mill-principal tal-attur rikonvenzjonat.

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f' zewg porzjonjiet u tassenja wahda lill-esponenti u l-ohra lill-istess attur rikonvenzjonat, bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma.

4. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jikkonsenja lill-esponenti l-oggetti kollha parafernali, inkluzi flus u krediti ohra u fin-nuqqas tikkundannah ihallasha l-valur taghhom, okkorrendo permezz ta' perit nominandi.

5. Tapplika kontra l-attur rikonvenzjonat id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili, fost ohrajn billi tordna d-dekadenza tal-attur rikonvenzjonat minn kwalunkwe dritt ghall-manteniment u successjoni minghand l-esponenti.

Bl-ispejjes kontra l-attur rikonvenzjonat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-attur ghar-rikonvenzjoni tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi dwar l-ewwel talba rikonvenzjonanti, l-attur rikonvenzjonat mhux qed jopponi ghas-separazzjoni personali, izda l-htija ghandha tingarr esklussivament mill-konvenuta rikonvenzjonanti.

2. Illi l-attur rikonvenzjonat jopponi bil-qawwa kollha tieghu ghat-tieni talba stante li fl-ewwel lok ir-rikonvenzjonanti dejjem hadmet u ghandha mezzi sufficjenti biex tmantni lilha nnifsha u fit-tieni lok hija hatja unikament ghal din is-separazzjoni.

3. Illi dwar it-talbiet rimanenti, l-attur rikonvenzjonat mhux qed jopponi li tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti. Fil-komunjoni tal-akkwisti fil-fatt m'hemm xejn x'jigi likwidat u lanqas jekk hemm ghandhom japplikaw skond il-ligi s-sanzjonijiet kontra r-rikonvenzjonanti. L-attur rikonvenzjonat m'ghandux xejn li hu parafernali tal-konvenuta rikonvenzjonanti u per konsegwenza r-raba' talba ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet gia' msemmija u ghalhekk il-hames talba ghandha tigi michuda.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**FATTI**

1. Il-partijiet iltaqghu fi Frar, 2003, meta l-attur kien mar vaganza t-Tajlandja. Fuq stedina tieghu, il-konvenuta kienet giet Malta u damet ghal xahar u kien hemm zmien meta regghet giet ghal erba' xhur.

   Kienu zzewwgu fl-10 ta' Settembru, 2005 civilment u marru joqoghdu ma' ommu. Ix-xhud tal-konvenuta kienet tiggestixxi hanut tal-massaggi u kienet offrietilha sabiex tmur tahdem maghha. L-attur ighid li halla f' idejn il-konvenuta u ma kienx qed jippretendi li kellha tmur tahdem, peress li kellu l-impjieg tieghu. Peress illi kellha tlett itfal li kienet halliethom it-Tajlandja xtaqet tahdem biex tkun tista' tibghatilhom il-flus.

   Biex tkompli taghmel dan ix-xoghol ta' masseuse, xtaqet taghmel kors it-Tajlandja u kien hallsilha l-kors, il-vjagg, kif ukoll taha l-flus biex ikollha maghha.

   Eventwalment, il-konvenuta fethet il-hanut taghha Liam Thai Massage Health and Beauty f'numru 44, Gianni Bencini Street, Gzira f'Marzu, 2009 u kienet dahlet xi zewg impjegati Tajlandizi, D u E. Ighid li kienet tmexxi n-negozju wahedha u ma kienx jindahal. Kien biss armah bil-flus tieghu. Lanqas kien jaf kemm kienet taqla' minn dan il-hanut, izda kien jaf li qed taghmel dan sabiex tghin lill-familja taghha gewwa t-Tajlandja.

   Waqt iz-zwieg, l-attur ighid li ma tantx kienu jiggieldu, kien iqattghu hafna hin flimkien, ghax kien iwassalha x-xoghol u filghaxijiet hafna drabi kienu johorgu. Kien igibilha cleaner ukoll biex tghinha bil-facendi.

Kien ihalliha f'hafna liberta' u kienet anke tivvjagga lejn it-Tajlandja darbtejn f' sena.

Xi sena u nofs qabel ma telqet mid-dar l-affarijiet bdew jinbiddlu. Bdiet idum hafna wara x-xoghol u kienet tghidlu li hierga mal-impjegati u bdiet tidhol id-dar tard. Kien hemm darba li kienet dahlet anke fis-sakra. Kien induna li fil-hanut kellha gwardarobba u kien fiha lbies indecenti. Kien anke ssuspetta li kienet qed tkun ma' ragel iehor wara li semghu minn fuq it-telefon waqt li kien qed jitkellem mal-konvenuta. Fil-fatt telqet fit-3 ta' Lulju, 2010 u qiedgha ma' dan ir-ragel sal-gurnata ta' llum.

2. Audrey Ghigo, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. esebit kont bankarju numru 016043986050 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2005 u l-31 ta' Dicembru, 2010.[1]

Tghid ukoll li l-attur ghandu ghaxar kontjiet bankjari li huma s-segwenti:-

i) HSBC 1 – savings account numru 016043986050 li ghadu attiv;
ii) HSBC 2 – loan account numru 085084648301 illum maghluq;
iii) HSBC 3 – loan account numru 08508468303 illum maghluq;
iv) HSBC 4 – loan account numru 085084648302 illum maghluq;
v) HSBC 5 – loan account numru 085084648300 illum maghluq;
vi) HSBC 6 – loan account numru 085084648300 illum maghluq;
vii) HSBC 7 – loan account numru 085084648300 illum maghluq;
viii) HSBC 8 – loan account numru 085084648301 illum maghluq;
ix) HSBC 9 – loan account numru 08508464302 illum maghluq;

[1] Dok. HSBC1

x) HSBC 10 – Visa account b'numru 456882300696 3970 ghadu attiv;

F'isem il-konvenuta kien hemm is-segwenti kontijiet:-

1. HSBC 11 – Savings account bin-numru 011049616050 li ghadu attiv;

3. HSBC 12 kont kurrenti bin-numru 0850036879001 li ghadu attiv;

**Kontijiet Joint**

1. HSBC 13 – loan account numru 08503847300 llum maghluq.

4. Joseph Saliba, in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig ipprezenta l-employment history tal-attur[2] kif ukoll tal-konvenuta.

5. Renzo Gonzi, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonferma li kien sab kont bankarju f'isem il-konvenuta, flimkien ma' terzi persuni. Joanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ukoll ikkonfermat li kien hemm kont wiehed f'isem il-konvenuta, flimkien ma' terzi bin-numru 40019277525 li nfetah fil-25 ta' Awissu, 2010 u ghadu miftuh.[3] B'referenza ghad-dokument JB 2 l-ewwel depozitu sar mit-terza persuna li jirrizulta li huwa Michael O'Toole.

[2] Dok. ETC 1
[3] Ara Doks JB 1 u JB 2.

6. FG k/a G H, omm il-konvenut tikkonferma li l-konvenuta kienet tinzel kemm il-darba Malta u kien toqghod maghhom. Ghall-bidu sakemm izzewwgu kienet toqghod id-dar maghha, imbaghad wara z-zwieg bdiet tahdem gewwa *massage parlour* u wara fethet hanut ghar-rasha u minn hemm l-atteggjament taghha beda jinbidel.

   Fejn qabel kienet tiekol maghhom filghaxijiet, kien hemm hafna drabi meta ma kinitx. Kienet bdiet tidhol tard filghaxijiet ukoll u kienet taf peress li kienet torqod isfel. Kienet anke tqatta' hafna mill-Hdud fil-hanut taghha. Tikkonferma li darba minnhom qamet u rat lill-konvenuta ggorr l-affarijiet taghha ghal go karozza fejn kien hemm mara u ragel qed jistennewha. Minn dakinhar tghid li ma ratiex izjed.

7. John Micallef, in rapprezentanza tad-Direttur General tat-Taxxi Interni esebixxa l-informazzjoni relattiva ghat-taxpayers u cioe' l-partijiet.[4] Esebixxa ukoll l-formula tat-taxxa tal-konjugi Calleja ghas-sena bazi 2013.[5]

8. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-konvenuta ma tircievi ebda ghajnuna socjali jew beneficcju iehor.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-konvenuta pprezentat kontro-talba f'din il-kawza, izda tul il-proceduri naqset li ttella' provi u ghaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti ser tghaddi biex taghti s-sentenza ghab-bazi tal-provi mressqa quddiemha.

---

[4] Ara Dok. KTI 1
[5] Ara Dok. KTI 2

**<u>RESPONSABBILITA'</u>**

L-attur qed jitlob s-separazzjoni minhabba li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' adulterju u abbandun.

**<u>ADULTERJU</u>**

L-attur isemmi li l-konvenuta telqitu minhabba li kien hemm ragel iehor f'hajjitha. Il-gurisprudenza nostrana thares lejn l-adulterju bhala l-aggravju l-aktar sejru ghas-separazzjoni, pero' biex jigi ppruvat jehtieg li jkun hemm "***indizi u prezunzjonjiiet, gravi , precizi u konkordanti***."

Fil-kaz odjern, l-attur ma ressaq ebda prova konkreta li jista' jwassal lil dina l-Onorabbli Qorti li kien hemm adulterju da parti tal-konvenuta. Meta semplicement isemmi li kien qalulu li kellha relazzjoni ma' ragel iehor, aktar u aktar dawn huwa fatti bbazati fuq "hearsay" u ghaldaqstant ma jistghux jigu kkonsidrati bhala provi. Jirrizulta ukoll li l-konvenuta kellha kont bankarju ma' certu IJ, pero' dan ma jwassal ghal ebda konkluzzjoni ta' adulterju, l-istess bhal meta l-attur ighid li kien sema' lehen ta' ragel waqt li kien fuq it-telefon mal-konvenuta.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti kif presjeduta rriteniet li:-

"*… l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta'*

*April 1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".*** *(P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita dina l-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi*
*u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*
(**"Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** *Prim'Awla Deciza -27 ta' Gunju 1964)".*

**<u>ABBANDUN</u>**

lli hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar***

***volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

L-attur isemmi li l-konvenuta kienet qabdet l-affarijiet taghha u kienet telqet f'Lulju, 2010. Minn xi sena u nofs qabel u wara li bdiet tiggestixxi n-negozju taghha, ighid li l-konvenuta kienet inbidlet. Kienet tqatta' anqas hin mieghu u kienet tohrog u tirritorna tard filghaxijiet. Kien anke induna li fil-gwardarobba li kellha fil-hanut kellha xi ilbies li kienu ndecenti.

Omm l-attur GH ukoll tikkonferma li filghodu qamet u sabet lill-konvenuta ggorr l-affarijiet u minn dakinhar ma kinitx ratha izjed. Il-provi kollha jindikaw li l-konvenuta kellha kull intenzjoni li tabbanduna lill-attur.

Hija massima rikjesta li l-ligi li jridu jkunu ghaddew sentejn biex jigi kkonfermat l-abbandun. Il-konvenuta kienet telqet fl-2010 u ghalhekk ghaddew aktar minn sentejn.

**<u>KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

L-assi formanti parti mill-komunjoni huwa llimitati ghal kollox. In partikolari ma kienx hemm dar matrimonjali ghaliex kienu joqoghdu ma' omm l-attur go post mikri.

Il-konvenuta kienet fethet hanut tal-massaggi u kienet tmexxih hi u l-attur kien ghenha tarmah. Ma jidhirx li l-attur qed jaghmel xi pretensjoni fuq dan in-negozju, li donnu minn dejjem kien ihalli f'idejn il-konvenuta, li kienet effettivament tghin u tibghat il-flus lit-tfal taghha gewwa t-Tajlandja. Ghalhekk l-istess negozju li jgib l-isem Liam Thai Massage Health and Beauty f'numru 44, Gianni Bencini Street, Gzira ghandu jigi assenjat lill-konvenuta.

Jezistu diversi kontijiet bankarji tal-partijet u jezisti iehor bejn il-konvenuta u certu IJ.

Ikun opportun li kulhadd izomm u jiggestixxi l-kontijiet bankarji tieghu.

**DECIDE**

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba abbandun tal-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz.

5. Tilqa' l-hames talba jekk ikun il-kaz.

Dwar il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvenzjonata taqta' u tiddeciedi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B, pero' ghar-ragunjiet imputabbli lilha;

2. Tichad it-tieni kontro-talba stante li l-konvenuta tahdem;

3. Tilqa' t-tielet kontro-talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti kif fuq deciz;

4. Tichad ir-raba' u l-hames kontro-talba.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati nterament mill-konvenuta.

**Imhallef Dr. Anthony J. Vella** **Registratur**